Avviż għall-attenzjoni tas-suġġett tad-data li għalih japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1736 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

(2016/C 359/04)

Qed tingħibed l-attenzjoni tas-suġġett tad-data għall-informazzjoni li ġejja skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]):

Il-bażi legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar hija r-Regolament (UE) Nru 753/2011 ([2]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1736 ([3]).

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar hu l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ C (Affarijiet Barranin, Tkabbir, Protezzjoni Ċivili) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u d-dipartiment fdat bl-operazzjoni ta' pproċessar hu l-Unità 1C tad-DĠ C li wieħed jista' jikkuntattja f'dan l-indirizz:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
DG C 1C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

L-għan tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi skont ir-Regolament (UE) Nru 753/2011, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1736.

Is-suġġetti tad-*data* huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw kriterji għall-elenkar kif stabbilit f'dak ir-Regolament.

Id-*data* personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna konċernata, id-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet u kwalunkwe *data* oħra relatata ma' dan.

Id-*data* personali miġbura tista' tiġi kondiviża skont kif ikun meħtieġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20(1)(a) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, it-talbiet għal aċċess, kif ukoll it-talbiet għal rettifika jew oġġezzjoni jitwieġbu skont it-taqsima 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/644/KE ([4]).

Id-*data* personali ser tinżamm għal 5 snin minn meta s-suġġett tad-*data* jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-iffriżar tal-assi jew il-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Is-soġġetti tad-*data* jistgħu jirrikorru għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

([1]) ĠU L 8. 12.1.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 199, 2.8.2011, p. 1.
([3]) ĠU L 264, 30.9.2016, p. 8.
([4]) ĠU L 296, 21.9.2004, p. 16.